# ĠAĦAN

Ġaħan kien joqgħod jara lil ommu ssajjar fil-kċina. Hi kienet tieħu gost bih. Anzi kienet tħallih għassa dejjem mal-borma. Malli tinxef kien jitlaq jiġri jgħidilha. Hi kienet tiġt tiġri biex titfi n-nar. B'hekk il-borma ma tinħaraqx.

Darba waħda ommu ġiet tiġri mill-għalqa, U bdiet tgħajjat miegħu: "Ġaħan! Din x'riħa ta' xemgħa hawn?" "Għax qed innixxef ix-xemgħa!" "Fejn, Ġaħan?" "Fil-borma, ma!" "Għalfejn Ġaħan?"

"Għax meta nixgħel is-sulfarina x-xemgħa tinħall u ma tkunx trid tinxefħalli niġi ngħidlek, Ma!"

Dak in-nhar Ġaħan u ommu raqdu bil-ġuħ minħabba x-xemgħa maħlula li kien hemm fil-minestra.

L-għada ommu kienet marida u ma qamitx mis-sodda. Sejħitlu ħdejha u qaltlu: "Ara, Ġaħan, mur fil-gallinar u ara jekk il-qroqqa għandhiex x'tiekol. Imma oqgħod attent: tħallihiex tqum minn fuq il-bajd – dak irid jibqa' sħun, għax inkella jinten. U ddumx. Tħallinix inqum minn hawn biex nara x'qed tagħmel."

Ġaħan telaq jiġri biex ma jdumx. Imma baqa' dieħel ġol-bieb, għamel gundalla daqsiex u kisser il-ħġieġ. Fl-aħħar wasal fejn il-gallinar. Mela landa bil-qamħirrun u ferrxu fuq il-qroqa: "Isa, qroqqa, kul u tqumx minn hemm!"

Imma l-qroqqa qabżet tiġri minn fuq il-bajd u tgħidx kemm twerwret b'dik ix-xita niżlet fuqha. Ġaħan beda jgħajtilha: "Ejja 'l hawn, ja xadina! Ejja 'l hawn!" Kollu għalxejn li qagħad jiġri warajha għax ma qabadhiex! Fl-0aħħar induna li l-bajd kien se jiksaħ u qal: "Aħjar noqgħod fuqu jien! Jien naf noqgħod bilqiegħda bħalha! Rix biss m'għandix!"

U niżel kokka fuq il-bajd. Wara xi nofs siegħa saqajh bdew jegħjew. F'daqqa waħda sema' 'Ċaqq! Ċaqq!. Naħseb qed ifaqqsu l-flieles!' qal f'qalbu Ġaħan, U beda jaqbeż bil-ferħ u jsejjaħ lil ommu: "Ejja, Ma! Ejja! Ejja ara l-flieles! Ara hawn id-deheb fil-bajd!"

Ħmar li hu ma ndunax li dak kien l-isfar tal-bajd! U reġa' għajtilha: "Ejja, ma! Ejja sibt id-deheb!"

Ommu ġiet u bid-deni li kellha werżqet aktar mis-soltu: "Eħħ! X'għamilt Kissirt il-bajd kollu! U mid-deheb tiegħek ma baqa' xejn! Lanqas ħaqq il-flus! Lanqas ħaqq li ċappast il-qalziet bil-bajd! Mur inħasel u mbagħad ejja ħdejja, ma tmurx tagħmel xi praspura oħra!"

**Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba:**

1) Omm Ġaħan kienet tħallih għassa mal-borma ħalli jiġri jgħidilha jekk
   (a) tagħli.
   (b) tiksaħ.
   (ċ) tinxef.
   (d) tisħon.

2) Darba waħda Ġaħan nixxef ix-xemgħa
   (a) fit-taġen.
   (b) fil-borma.
   (ċ) fil-platt.
   (d) fil-forn.

3) Dak inhar omm Ġaħan kienet sajret
   (a) minestra.
   (b) froġa.
   (ċ) tiġieġa l-forn
   (d) soppa.

4) L-għada omm Ġaħan bagħtitu fil-gallinar ħa jara
   (a) t-tiġieġa.
   (b) s-serduk.
   (ċ) l-fenek.
   (d) l-qroqqa.

5) Pero' wissietu li l-bajd kellu jibqa' sħun għax inkella
   (a) jfaqqas.
   (b) jaħrab.
   (ċ) jinkiser.
   (d) jinten.

6) Hu mela l-landa
   (a) bl-iskalora
   (b) bil-qamħirrun
   (ċ) bil-qamħ
   (d) bix-xgħir

u ferrxu fuq il-qroqqa.

7) Imma l-qroqqa qabżet tiġri minn fuq il-bajd u tgħidx kemm
   - (a) kielet.
   - (b) ferħet.
   - (ċ) twerwret.
   - (d) taret.

8) Malli nduna li l-bajd kien ser jiksaħ iddeċieda li
   - (a) joqgħod fuqu hu.
   - (b) jaqbad lill-qroqqa.
   - (ċ) jorbot lill-qroqqa.
   - (d) jmur jgħid lill-ommu.

9) Dam madwar
   - (a) kwarta
   - (b) nofs siegħa
   - (ċ) siegħa
   - (d) sagħtejn

   kokka fuq il-bajd.

10) Malli sema' l-ħoss ried itir bil-ferħ u sejjaħ lil ommu għax ħaseb li kien hemm
   - (a) il-fidda
   - (b) ir-ram
   - (ċ) id-deheb
   - (d) il-bronż

   fil-bajd.

11) Imma dan ma kien xejn ħlief
   - (a) il-qoxra tal-bajd.
   - (b) l-abjad tal-bajd.
   - (ċ) ir-rix tal-qroqqa.
   - (d) l-isfar tal-bajd.

12) Għalhekk, omm Ġaħan tgħidx kemm
   - (a) irrabjat miegħu.
   - (b) ferħet bih.
   - (ċ) għanqitu magħha.
   - (d) daħket bih.

*(marka 'l waħda = 12-il marka)*

**<u>Imla l-vojt skont ma smajt mis-silta</u>**:

13) Ġaħan kien joqgħod ________________ lil ommu ssajjar fil-kċina.

14) Darba waħda, ommu ġiet tiġri mill-________________.

15) L-______________ , ommu kienet marida u ma qamitx mis-sodda.

16) Ġaħan telaq ______________ biex ma jdumx.

17) Imma baqa' dieħel gol-______________, għamel gundalla daqsiex u kisser il-ħġieġ.

18) Kien kollu għalxejn li qagħad jiġri wara l-qroqqa għax ma ___________________.

19) F'daqqa waħda sema' "Ċaqq! Ċaqq!! Naħseb qed ________________ l-flieles!!" qal f'qalbu Ġaħan.

20) Ġaħan kien magħruf għall- _________________ li kien jagħmel.

*(marka 'l waħda = 8 marki)*

---

TMIEM IL-KARTA